TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Busuttil

vs

Power House u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2020, l-isem tal-azjenda intimata gie korreguta ghal RC Collections Ltd/Power House.

CCT 62/20/MS

24 ta' Novembru 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-25 ta' Mejju 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' seba' mitt Euro, prezz ta' *sofa-bed* mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema *sofa-bed* ma kienx tajjeb ghall-uzu li ghalih ir-rikorrent xtrah.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentata fl-14 ta' Mejju 2021 fejn qalet illi *sofa-bed* mhuwiex intiz ghall-uzu ta' kuljum bhal sodda u huwa primarjament sufan li ghandu funzjoni sekondarja li jista' jintuza bhala sodda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi l-avviz tar-rikorrent huwa pjuttost xott mid-dettal u ha jigi riprodott hawnhekk:

'This sofa bed sags and the wooden structure presses against my back which is very painful when lying down."

Minn dan jidher illi l-ilment tar-rikorrent huwa limitat ghal *sofa-bed.* Pero' fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal ir-rikorrent ighid illi f'Novembru 2019 huwa xtara sofa bed ghal prezz ta' sitt mitt Euro u pultruna ghal prezz ta' mitejn Euro. Ir-rikorrent hallas depozitu ta' erba' mitt Euro u gimgha wara dawn gew konsenjati lilu. Fil-gurnata tal-konsenja innota illi l-*armrest* tal-pultruna *one seater* kien imqatta u ghalhekk hallas mitt Euro minflok mitejn bil-ftehim illi l-pultruna tinbidel meta jidhol konsenja gdida f'Jannar 2020. Ighid ukoll illi maz-zmien beda jhoss l-injam f'dahru (tas-sofa-bed), u ghalhekk talab flusu lura.

It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax fuq l-element konfuzjonali fix-xhieda tar-rikorrent li daqqa jilmenta fuq is-sofa-bed u daqqa fuq il-pultruna u kultant huwa difficli jinftiehem. Ghalkemm l-avviz huwa qasir hafna u limitat biss ghal sofa bed, fix-xhieda tieghu ir-rikorrent jitkellem ukoll fuq pultruna li kellha l-arm-rest imqatta' u fil-fatt ir-rikorrent jitlob ir-rifuzjoni ta' seba' mitt Euro (li allura jkopri kemm il-sofa bed kif ukoll parti mill-hlas tal-pultruna).

Illi bhala fatt, ir-rikorrent hallas depozitu ta' erba' mija fl-11 ta' Novembru 2019. Is-sofa bed 'Deniz' kien jiswa sitt mitt Euro u l-pultruna *one seater* kienet tiswa mitejn Euro - total ta' tmien mitt Euro. Ir-rikorrent hallas nofs l-ammont kollu fil-11 ta' Novembru 2019 u kien ghad fadallu jhallas erba' mitt Euro, pero' milli jidher hallas biss seba' mitt Euro peress illi hallas biss mitt Euro ghal pultruna. Fuq l-invoice, hemm indikat ukoll illi huwa kellu jhallas mitt Euro ohra meta tigi konsenjata sufan iehor, u dan jikkorobora kemm dak li xehed ir-rikorrent u anke dak indikat fir-risposta tas-socjeta' intimata, fejn qalet li r-rikorrent "underpaid by €100'.

Illi, min-naha taghha, ghalkemm is-socjeta' intimata ghamlet risposta, hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jikkonferma r-risposta jew jaghti x-xhieda bil-gurament. Dan

ma jawgura xjen tajjeb, anke jekk ix-xhieda tar-rikorrent hija ftit jew wisq nebuluza. Ghalkemm fir-riposta taghha, is-socjeta intimat tghid illi r-rikorrent hallas biss hames mitt Euro (u mhux seba' mitt Euro bhalma xehed ir-rikorrenti) dan ma gie bl-ebda mod ppruvat. Jidher illi l-mitt Euro "skont" kienet fuq il-pultruna, u mhux fuq is-*sofa bed*, peress illi l-pultruna kienet difettuza u kellha tinbidel ghal wahda gdida.

Ikkunsidra

Illi kemm ir-rikorrent kif ukoll is-socjeta' intimata jaqblu illi r-rikorrent hallas mitt Euro inqas fuq l-ammont kollu bid-differenza illi r-rikorrent ighid li hallas seba mitt Euro minflok tmien mija u s-socjeta' intimata tghid illi hallas hames mitt Euro minflok sitt mija.

Illi bhala fatt hemm qbil li l-pultruna *one-seater* kellha tinbidel u kien ghalhekk illi r-rikorrent hallas biss mitt Euro, minflok mitejn. Is-socjeta' intimata kellha tikkonsenja pultruna gdida "When bring another sofa to pay €100). Ir-rikorrent ighid illi kellhom jibdillu l-arm-rest ghal wiehed gdid, pero' minn dak li fehem t-Tribunal, jidher illi huma kellhom igibuh pultruna gdida. Pero' anke dan mhuwiex daqstant car.

Illi ghal dak li jirrigwarda s-sofa bed, l-ilment principali tar-rikorrent huwa li kien skomdu u kien qed ihoss l-injam f'dahru. Ir-ritratti esebiti mir-rikorrent ma tantx huma cari u ma tantx ighinu t-Tribunal biex jasal ghal decizjoni dwar id-difett o meno tas-*sofa bed* mertu tal-kawza. Fir-risposta taghha, s-socjeta' intimata tghid illi l-ilment tar-rikorrent infondat peress illi huwa kien qed jaghmel uzu tas-sofa-bed kuljum - u cjoe' minflok sodda, u kien ghalhekk illi kien qed ihoss is-sufan skomdu.

Ikkunsidra

Illi kif gia gie accenat il-provi f'din il-kawza huma pjuttost xotti kif ukoll nebuluzi. Min-naha tal-azjenda intimata ma hemm xejn hlief ir-risposta illi ma gietx konfermata bil-gurament. U min-naha tar-rikorrent, ighid biss illi s-*sofa bed* mhuwiex komdu u jikkawzalu ugigh f'dahru u li l-pultruna kellha l-*armrest* imqatta. Ma hemm xejn tekniku x'jigi riskontrat minn din ix-xhieda. Is-socjeta' intimata taccetta pero' illi kien hemm xi hsarat fil-pultruna u dwar dan ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. Dwar is-sofa bed pero' tghid illi

m'ghandhiex tintuza bhala sodda ta' kuljum. It-Tribunal difficli biex jaccetta dan ir-ragunament min-naha tas-socjeta' intimata peress illi ma rrizultax illi kien hemm xi limitazzjoni dwar l-uzu tas-sofa-bed, kemm bhala sodda kif ukoll bhala sufan.

Minkejja din l-iskuza tas-socjeta' intimata, t-Tribunal pero' xorta jhoss illi r-rikorrent ma lahaqx dik il-grad ta' prova necessarja ghas-success tal-istanza tieghu, zgur ghal dak li jirrigwarda s-sofa-bed. Ghalkemm jista' jkun illi veru li s-sofa bed mhuwiex komdu u anke jikkawzalu ugigh, dan ma jfissirx illi b'daqshekk is-*sofa bed* huwa difettuz jew ghandu xi diffett fil-manifattura tieghu. Fejn jidhlu sodod, sufanijiet u saqqijiet, dak li mhuwiex komdu ghal xi hadd ma jfissirx illi huwa skomdu ghal kulhadd jew adirittura difettuz, u ghalhekk it-Tribunal ma jhossx li jista' jilqa' din il-parti tat-talba. Ghal dak li jirrigwarda l-pultruna pero', jidher illi kien hemm xi hsarat li kienu hemm mill-bidu tal-konsenja u li jidhru li ghandhom pendenti.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent ghal dak li jirrigwarda s-*sofa bed*, pero' jilqa' t-talba tieghu ghal dak li jirrigwarda l-pultruna u jiffissa l-kumpens dovut lilu fis-somma ta' mitt Euro bil-kundizzjoni li l-azjenda intimata tiehu lura l-putruna in kwistjoni ladarba jsir il-hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru